**PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**Onor. Dr. Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 2 ta' Frar, 2023**

**Rikors Guramentat Nru: 22/2022 GG**

**L-Avukat Dr. James Scicluna bhala mandatarju specjali ta' Moulaye Ely Bouamatou, Mohamed Bouamatou, Salka Bouamatou u Seyda Bouamatou**

**-vs.-**

**Il-Ministru ghall-Intern,, is-sigurta' Nazzjonali u l-Infurzar tal-Ligi li b'digriet tat-3 t'Ottubru 2022 sar jaqra Ministru ghal-Intern,Is-Sogurta, ir-Riformi u l-Ugwaljanza**

**Il-Qorti**,

Rat ir-rikors tal-Ministru ghall-Intern, is-Sigurta' Nazzjonali u l-Infurzar tal-Ligi ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-7 ta' Novembru 2022 li bih talab lil din il-Qorti tawtorizzah iressaq appell mis-sentenza [fuq iz-zewg eccezzjonijiet preliminari]

moghtija fit-3 ta' Novembru, 2022 f'dan l-istadju u qabel is-sentenza finali;

Rat id-Digriet taghha tas-7 ta' Novembru, 2022 li bih ordnat n-notifika lill-kontro parti bi zmien ghaxart ijiem ghar-risposta;

Rat ir-risposta tal-Avukat Dr. James Scicluna nomine ipprezentata fir-registru ta' din il-Qorti fit-2 ta' Dicembru 2022 li biha oggezzjona ghat talba b'dan li ghandha tkun michuda;

Rat l-Ordni tal-Prim Imhallef tal- 4 ta' Jannar 2023 li bih il-kawzi pendenti quddiem din il-Qorti preseduta mill-Onor. Imhallef Neville Camilleri jkunu assenjati lill-Imhallef sottofirmat;

Semghet lill-partijiet fis-sottomissjonijiet orali taghhom fl-udjenza tad-19 ta' Jannar, 2023;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

1. Illi b'sentenza tat-3 ta' Novembru, 2022 din il-Qorti cahdet zewg eccezzjonijiet ta' natura preliminari sollevati mill-konvenut ghar-rikors mahluf tal-attur nomine. F'dawk l-eccezzjonijiet l-konvenut ecepixxa li ma kienx il-legittimu kontradittur kif ukoll li l-azzjoni kienet wahda perenta.
2. Illi r-rikors odjern huwa intentat bis-sahha ta' dak provdut fl-artikolu 231 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta li fis-subartikolu (2) tieghu jirraviza li appell minn sentenzi separati dwar kwistjonijiet f'kawza jista' jsir qabel l-ahhar sentenza biss bil-permess tal-Qorti moghti fil-qorti bil-miftugh. Issa, r-ragunijiet mressqa mir-rikorrent konvenut bil-ghan li jottjeni dan il-permess huma: li l-eccezzjonijiet preliminari jehtieg li jkunu decizi definittivament mill-Qorti tal-Appell qabel ma l-partijiet jghaddu ghall-istadju tal-

mertu; li l-provi fil-mertu ser jiehdu hin sostanzjali u ser izidu fl-ispejjez tal-kawza u li kien ghalhekk li din il-Qorti qablet li taghti sentenza separata dwar l-eccezzjonijiet qabel ma tghaddi biex tisma' l-mertu; li fil-kaz li l-Qorti tal-Appell tilqa' l-eccezzjonijiet ser ikunu frankati dewmien u spejjez; li l-atturi ma kellhom ebda oggezzjoni li l-ewwel ikunu decizi l-eccezzjonijiet preliminari u ghalhekk l-atturi mhu ser ibghatu l-ebda pregudizzju; l-eccezzjonijiet in kwistjoni huma ta' natura perentorja u konsegwentement l-akkoljiment taghhom ikun ifisser li l-Qorti ma tiehux konjizzjoni aktar tal-kawza;

3. Illi l-atturi joggezzjonaw ghal din it-talba u jilqghu dwarha billi jallegaw illi z-zewg eccezzjonijiet ma kienux dwar xi punt ta' materja delikata jew punt ta' ligi sofistikat u ma hemmx htiega li s-sentenza tghaddi mill-gharbiel u skrutinju tal-Qorti tal-Appell. Jallegaw inoltre illi dan huwa biss tentattiv tal-Ministru konvenut sabiex idewwem il-proceduri kif ukoll li l-konvenut ghandu l-jedd t'appell mis-sentenza finali;

4. Ikkunsidrat inoltre illi fl-ghoti jew ic-cahda ta' dan il-permess specjali l-Qorti ghandha tqis diversi fatturi fosthom jekk l-eccezzjoni jew eccezzjonijiet ghandhomx min-natura perentorja, jekk huwiex ghaqli li l-kawza tissokta fil-mertu bi spejjez u konsum ta' hin meta tibqa' dipendenti fuq decizjoni kontrarja fit-tieni grad dwar dawk l-eccezzjonijiet b'mod partikolari fl-aspettativa ta' process pjuttost fit-tul li f'dan il-kaz huwa wiehed reali tenut kont tal-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi, fost konsiderazzjonijiet ohra inkluz il-possibbli dewmien f'kaz li tilqa' t-talba;

5. Il-Qorti qieset dawn il-fatturi kollha u ma taqbilx mal-atturi fl-oggezzjoni taghhom meta jallegaw li l-eccezzjonijiet ma kienux

dwar xi punt ta' ligi sofistikat. Is-sentenza in kwistjoni ghal kuntrarju ikkunsidrat l-import u t-tifsira ta' Avviz Legali u jekk id-delega maghmula lis-Segretarju Parlamenti tfissirx li l-Ministru huwiex jew le l-legittimu kontradittur meta kwistjonijiet ta' cittadinanza jaqghu fil-mansjoni tas-Segretarju Parlamenti in forza ta' dik id-delega;

6. Ghalhekk tqis illi jkun ghaqli u gust li qabel ma tissokta bis-smigh, l-Qorti takkorda t-talba sabiex l-eccezzjonijiet preliminari jkunu decizi fi stadju revizorju;

7. Ghal dawn il-motivi, tilqa' t-talba tal-konvenut u fit-termini tal-artikolu 231 tal-Kap 12 takkorda l-permess lill-konvenut sabiex jinterponi appell mis-sentenza ta' din il-Qorti tat-3 ta' Novembru, 2022.

Onor. Dr. Giovanni M Grixti

Imhallef